**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta tal-Gimgha 30 ta' Jannar, 2015**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**

**Vs**

**Sharifa Omar Hassan Mahmud Abdillahi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Sharifa Omar Hassan Mahmud Abdillahi, 17-il sena, bint il-mejtin Omar Hassan Afrah u Habibo Sheh Ahmed imwielda Somalia fl-1 ta' Jannar 1997 u li toqghod Liedna House, Triq il-Liedna, Fgura, Police Number 13H-027:

Akkuzata talli fl-21 ta' Ottubru 2014, ghal habta tal-22:30hrs, gewwa Liedna House, Triq il-Liedna, Fgura, Malta, minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car ikkagunat hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' Ikran Ahmed, ta' natura gravi jew igibilha disordni f'mohha kif iccertifikat Dr V. Patel (reg:3602) u dan bi ksur tal-artikli 214, 215, 216 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

Akkuzata talli fl-21 ta' Ottubru 2014, ghal habta tal-22:30hrs, gewwa Liedna House, Triq il-Liedna, Fgura, kontra Ikran Ahmed sabiex tingurjaha, iddejjaqha jew taghmel hsara lil din Ikran Ahmed jew lil haddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taht xi disposizzjoni ohra ta' dan il-Kodici bi ksur tal-artikli 339(d) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputata m'ghandha l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat li fis-seduta tallum l-imputata irregistrat ammissjoni u li hija kkonfermat l-ammissjoni taghha wara li inghatat l-opportunita' li tirrikunsidra l-posizzjoni taghha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qeghda tinstab hatja l-imputata, l-ammissjoni bikrija, il-fedina penali taghha li hija wahda netta u l-fatt li l-parte leza hafritilha u infatti minn dakinhar stess ta' l-akkadut irrangaw id-differenzi bejniethom.

Illi tenut kont ta' dan kollu, il-Qorti tqis li piena karcerarja zgur li mhix wahda idonea izda huwa aktar opportun li l-imputata titqieghed taht ordni ta' probation.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti , wara li rat l-artikoli 17, 214, 215, 216 u 339(1)(d) ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputata hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggiha taht ordni ta' probation ghal zmien sena millum u dan bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-imputata bil-konsegwenzi jekk tikkommetti reat waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation.

Dr Josette Demicoli LL.D.
Magistrat